Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10044 — Mississippi Ventures/Parcom/Hema)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 451/04)

1. Fil-15 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mississippi Ventures B.V. ("Mississippi", in-Netherlands), ikkontrollata mill-familja Van Eerd,

— Parcom Buy-Out Fund VI Coöperatief U.A. ("Parcom", in-Netherlands),

— HEMA B.V. ("HEMA", in-Netherlands).

Mississippi u Parcom jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' HEMA kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Mississippi: investimenti f'isem il-familja intraprenditorjali Olandiża Van Eerd li hija wkoll proprjetarja ta' Jumbo Supermarkets fin-Netherlands;

— Parcom: investiment ta' ekwità privata f'kumpaniji tas-suq medju b'maniġment u operazzjonijiet ibbażati fil-Benelux,

— HEMA B.V.: bejgħ bl-imnut ta' firxa wiesgħa ta' prodotti mhux tal-ikel, inklużi ħwejjeġ, tessuti tad-dar, kożmetiċi, kura personali, tagħmir għar-roti, għodod tal-ġnien, u provvisti tal-uffiċċju permezz tal-ħwienet tagħha fin-Netherlands u pajjiżi oħra.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10044 — Mississippi Ventures/Parcom/Hema

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Int mitlub tuża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË